MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-11 ta' Frar, 2003

Numru 893/2002

Il-Pulizija
(Spettur Walter Spiteri)
vs
Anthony Borg

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi, li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli matul il-5 ta’ Gunju 1999 u fis-snin ta’ qabel din id-data f’dawn il-gzejjer, b’diversi atti maghmulin minnu u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, bhala d-detentur tal-fond Rita Store, Main Street, Gudja jew bhala l-persuna li kellha f’idejha l-istess fond, b’mezzi qarrieqa, ikkommetta serq ta’ kurrent elettriku ghad-dannu tal-Korporazzjoni EneMalta, liema serq hu kwalifikat bil-mezz, hin u ammont ta’ aktar minn mitt liri Maltin, izda inqas minn elf liri Maltin, u talli fl-istess zmien ghamel hsara fil-makkinarju u gumni tal-elettriku jew ikkaguna telf ta’ kurrent tal-elettriku li jammonta ghal aktar

minn mitt liri Maltin, izda inqas minn elf liri Maltin u fl-ahhar talli fl-istess zmien ghamel hsara jew kisser parti mill-meter tal-elettriku, jew is-sigilli tieghu jew xi parti jea apparat jew is-sigilli taghhom ghad-dannu tal-Korporazzjoni EneMalta;

Il-Qorti giet mitluba, barra milli taghti l-piena stabbilita mil-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez ta' l-esperti mahtura mill-Qorti a tenur tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9;

Il-Qorti rat illi l-Ispettur Spiteri bil-gurament tieghu esebixxa sentenza datata 4 ta' Dicembru 2002 fil-konfront ta' Rita Borg, il-mara tal-imputat u peress illi din is-sentenza titratta dwar l-istess meritu ta' din il-kawza il-Prosekuzzjoni qeghda tirtira dawn l-imputazzjonijiet anke fid-dawl tal-fatt illi l-Prosekuzzjoni tinsab infurmata illi l-Korporazzjoni EneMalta ma ghandha l-ebda pretenzjoni ulterjuri kontra l-imputat.

Fid-dawl tas-suespost il-Qorti qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dan il-kaz.

--------------------------------TMIEM--------------------------------